# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Agnes Suranyi**
**(K.I. 193431A)**

**Illum, 22 ta' Jannar, 2024**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Agnes Suranyi**, ta' 41 sena, bint George u Elisabeth xebba Doczi, imwielda, Ungerija, nhar is-27 ta' Diċembru 1979 u residenti fi 37, triq il-Gżira, B'Buġia u detentriċi tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 193431A u akkużata talli nhar it-2 ta' April 2021 ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Kellha fil-pussess tagħha mediċina psikotropika u ristretta (MDMA) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu

maghħa, Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati;

2. Naqset li tobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilha minn Ps 891 Oscar Baldacchino, PC 101 Ruznai Gaffarena, u PC 2298 Stephanie Spiteri uffiċjali pubbliċi waqt li kienu qed jaqdu d-doveri tagħhom jew ma ħalliex jew fixkel jew indaħal lil imsemmi uffiċjali waqt il-qadi ta' dmirijiethom u dan bi ksur tal-artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Attakat jew għamlet reżistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, u ċioe Ps 891 Oscar Baldacchino, Pc 101 Ruznai Gaffarena u Pc 2298 Stephanie Spiteri filwaqt li kienu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi mill-Awtorita' kompetenti, u dan bi ksur tal-artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Inġurjat, jew hedded, jew għamlet offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku ċioe PS 891 Oscar Baldacchino, PC 101 Ruznai Gaffarena, u PC 2298 Stephanie Spiteri waqt li kienu jagħmlu jew minħabba li kienu jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbeżża jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Ukoll talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi, bil-ħsieb li tagħmel delitt, wriet dan bil-ħsieb b'atti esterni u tat bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt u ċioe xjentement issoprimiet jew b'xi mod ieħor qerdet jew biddlet it-traċċi jew indizzji ta' reat, liem delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta tagħha.

6. U aktar talli trendi ruħha kompliċi billi ttentat li tikkorrompi lil PS 891 Oscar Baldacchino, PC 101 Ruznai Gaffarena, u PC 2298

> Stephanie Spiteri, impjegati pubbliċi u dan bil-għan li in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tagħhom l-istess uffiċjali tal-pulizija, jitolbu, jirċievu, jew jaċċettaw, xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utili ieħor, jew xi vantaġġ ieħor, li għalihom huma ma għandhomx jedd u dan bl-iskop li l-istess l-uffiċjali jew l-impjegat jonqos li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel, għall-fatt biss li jkunu aċċettaw il-ħlas, il-wegħda jew l-offerta.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha esebiti.

Il-Qorti kienet mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputata tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi l-Avukat Ġenerali, b'Ordni maħruġa ai termini tal-Artikolu 120A tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta fit-3 ta' April 2021ordnat illi l-akkużata titressaq quddiem il-Qorti Kriminali sabiex twieġeb għall-akkużi dedotti kontriha;

Rat illi fl-1 ta' Settembru 2022, l-Avukat Ġenerali ħarreġet kontro-Ordni ai termini tal-Artikolu 120A(2Ċ) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u ordnat illi l-akkużata tiġi proċessata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, u liema kontro-Ordni kienet ukoll tindika s-segwenti Artikoli għall-finijiet ta' dak maħsub fl-Artikolu 370(3)(a) tal-Kap. 9 tal-Liġiijet ta' Malta:

- Fl-Artikoli 7(2)(a), 12(1) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 41 u 111(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 42, 115(1) u 120(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

- Fl-Artikoli 7, 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi nhar it-2 ta' Settembru 2022 l-akkużata tat il-kunsens tagħha ai termini tal-Artikolu 370(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tiġi ġudikata minn din il-Qorti;

Rat il-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif ppresjeduta nhar it-28 ta' Lulju 2021 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2021, il-prosekuzzjoni u d-difiża eżentaw lil dina l-Qorti kif presjeduta milli terġa tisma' x-xhieda u milli terġa tara d-dokumenti kollha ppreżentati sa dakinhar.

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inkluża l-Fedina Penali tal-akkużata;

Rat ix-xhieda mogħtija;

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkonsidrat;

Illi mix-xhieda tal-Ispettur Justine Grech jirriżulta li dakinhar tat-2 ta' April 2021 il-Pulizija, senjatament PC 891, PC101 u PC2298 eżegwiet Mandat ta' Arrest u Tfittxija fl-indirizz 37, Triq il-Gżira B'Bugia wara informazzjoni li kellha li ċerta Mark Zalavary kien qed jirċievi d-droga bil-posta. Meta marru fuq il-post fetħitilhom l-akkużata stess Agnes Suranyi. Xehdet li kemm l-akkużata kif ukoll l-imsemmi Mark Zalavary offrew resistenza lill-uffiċjali tal-Pulizija u minħabba f'hekk, u anke minħabba f'dak li sabu fuq il-lok, arrestawhom. Kompliet tixhed li l-akkużata ingħatat id-drittijiet legali kollha tagħha u rrilaxxat stqarrija fejn ċaħdet li kienet taf li dik kienet droga u li hija qatt abbużat mid-droga.

Illi mix-xhiedha tal-uffiċjali tal-Pulizija li wettqu l-Mandat ta' Arrest u Tfittxija fuq il-post, senjatament PC 891 Oscar Baldacchino, PC101 Ruznai

Gaffarena u PS2298 Stephanie Spiteri jirriżulta li meta ħabtu l-bieb tar-residenza feħtitilhom l-akkużata u kien hemm ukoll il-partner tagħha Mark Zalavary fir-residenza li kien ħiereġ mill-kamra tal-banju. Qalu li l-Mandat ta' Arrest u Tfittxija kien fuq Mark Zalavary.

Għall-bidu, kemm Mark Zalavary kif ukoll l-akkużata kienu fil-*living room*. Meta bdiet it-tfittxija, Zalavary beda joffri resistenza qawwija tant li kellhom jintużaw il-manetti fuqu. L-akkużata bdiet tikkowopera għall-bidu. Mil-*living room* il-pulizija elevat miżien elettroniku, ammont konsiderevoli ta' *self-sealable bags* u żewġ telefons ċellulari.

Jirriżulta li f'mument minnhom, Zalavary, kellem lill-akkużata bil-lingwa tiegħu u din ħarbet tiġri fil-kamra tas-sodda. PS2298 Stephanie Spiteri telqet tiġri għal warajha u sabitha tipprova tqatta pakkett u tarmiħ ġo barmil bl-ilma li kien hemm fl-istess kamra. PS2298 ordnatilha "*open your hand, open your hand*" iżda l-akkużata ma fetħietx idejha u kellu jintervjeni PC 891 Oscar Baldacchino li beda jżommilha idejha hu feħtulha idejha biex jieħdu l-pakkett. F'dan il-pakkett kien hemm sustanza qishom żewġ ġebliet. Hekk kif ħadu dan il-pakkett, l-akkużata kkalmat u ma baqgħetx toffri resistenza.

Xehedu li l-akkużata bdiet toffri resistenza wkoll lill-uffiċjali tal-Pulizija u offrietilhom is-somma ta' €200 sabiex ma jkomplux bit-tfittxija u ma jressquhomx il-Qorti. Il-Pulizija irrifjutaw u qalulha biex ma tkomplix taggrava s-sitwazzjoni tagħha. Filfatt, mill-wallet tal-akkużata li sabu fuq il-post kien hemm is-somma ta' €200.

Intant, fuq il-post irrikorrew ukoll il-membri tal-RIU sabiex jikkalmaw is-sitwazzjoni minħabba r-resistenza qawwija li bdew joffru.

Mit-tfittxijit li saru fil-kamra tas-sodda, l-uffiċjali tal-Pulizija elevaw żewġ *self-sealable bags* kontenenti sustanza kannella, *sealable bag* wieħed b'sustanza bajda, liema pakkett kien f'idejha u ppruvat tarmiħ, tubu tal-plastik kontenenti sustanza ħadra u *sealable bag* żgħir b' xi traċċi ġo fih.

Sabu wkoll laptop tal-marka *Fujitsu.* Minn wara l-bieb tal-fond, ġew elevati wkoll numru ta' pakketti postali indirizzati lil Mark Zalavary.

Xehedu li l-akkużata bdiet tgħajjarhom korrotti u li kienu ser jitfgħu aktar drogi milli nstabu. Qalulhom li l-Pulizija ser ikompli jgħarrqu s-sitwazzjoni tagħhom. Xehedu li Mark Zalavary beda jisgħol fuqhom u qalilhom li kellu l-COVID-19.[1] Qalu li l-akkużata u Zalavary bdew jużaw minn kull tip ta' lingwaġġ kontrihom u li l-akkużata qaltilhom "*Fuckin Police, Fuckin Maltese*".

Fl-istqarrija rilaxxata minnha nhar it-2 ta' April 2021, l-akkużata qalet li hija taħdem f'Malta ma delivery service tal-ikel u li taqla' madwar €300 fil-ġimgħa. Hi tgħix f'dan il-fond mal-partner tagħha Mark Zalavary u tħallas il-kera hi. Qalet li għandha żewġ telefons ċellulari peress li tuża wieħed għax-xogħol u l-ieħor għaliha personali. Qalet li ma kienitx taf li kien hemm id-drogi d-dar tagħha u li dawk irċevewhom bil-posta. Qalet li qatt ma abbużat mid-drogi u li m'għandha ebda problema ta' dipendenza. Qalet li s-*self sealable bags* ġabrithom għax xtaqet tibda tagħmel u tbiegħ xi ġojjellerija u kienet se tuża dawn il-boroż għax huma rħas.

Illi l-espert Forensiku Gilbert Mercieca, fir-rapport tiegħu, ikkonferma illi:

- Mill-kampjun meħud mit-**trab ta' lewn abjad** li nstab ġewwa l-borża tal-plastik (539/1A) ta riżultat **pożittiv** għal preżenza ta' mediċini psikotropiċi skond it-tielet skeda tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta. Is-sustanza ġiet identifikata bħala amfetamina.

- Illi l-kampjuni ta' trab ta' lewn kannella (539/1 B) u l-kampjun meħud mill-materjal ta' lewn kannella (539/1 C) taw riżultat **pożittiv** għal preżenza ta' sustanzi kkontrollati (Eroina)

    - It-trab ta' lewn kannella ġie identifikat bħala **taħlita ta' eroina kafeina u Acetaminophen** b'piż totali ta' 3.90g. Il-persentaġġ

[1] It-tfittxija saret waqt li kien hemm il-Pandemija Globali tal-COVID-19.

medju ta' Eroina fil-materjal kienet ta' **13%,** b' valur fis-suq stmat għal **€269**

- Filwaqt li s-sustanzi ta lewn kannella ġie identifikat bħala Eroina b'piż totali ta' 8.75g. Il-persentaġġ medju ta' Eroina fil-materja kienet ta' 32% b'valur fis-suq stmat ta' **€604**

- Illi, l-kampjun meħud mill-materjal kristallin li nstab ġewwa l-borża tal-plastik (539/1 D) tat riżultat **pożittiv** għal preżenza ta' mediċini psikotropiċi skond it-tielet skeda tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta[2].

    - Dan il-materjal ġie identifikat bħala **3,4-MDMA (*3,4 Methylenedioxymethamphetamine*) *f'forma kristallina***. Il-persentaġġ medju ta' din is-sustanza materjali kienet ta' 55% b'valur stmat ta' **€434**.

    - Illi ġew identifikati residwi ta' Eroina, 3,4-MDMA, Cannabis u Kafeina fuq l-oġġetti mmarkati 539/2 A, **u residwi ta'** Eroina, 3,4-MDMA, u kafeina fuq il-miżien elettroniku, u residwi ta 3,4-MDMA mill-boroż tal-plastik immarkati (539/1F 1).

- Filwaqt illi l-materjal ta' lewn iswed (539/1 E), kif ukoll s-swabs meħudin mill-borża tal-plastik (539/ 1F 2) u mit-tubi tal-plastik immarkati 539/2 B, taw riżultat negattiv għall-preżenza ta' mediċini perikolużi (l-Ewwel Skeda ta' Kap. 101) u mediċini psikotropiċi (t-Tielet skeda ta' Kap. 31 u Avviż Legali 22 tal-1985).

Illi mix-xhieda tagħha, l-espert forensiku Dr Marisa Cassar ikkonfermat illi mill-analiżi tagħha, ħareġ DNA profile imħallat imma kien jaqbel biss ma' ta Mark Zalavari u ma kien hemm xejn jaqbel ma tal-akkużata.

[2] A fol. 138 tal-atti proċesswali, l-espert Gilbert Mercieca jgħid illi l-piż ta' din is-sustanza huwa ta' 15.47g).

Illi xehedu wkoll l-esperti forensiċi Keith Cujatar u PS 169 Jurgen Schembri u PC2089 Maria Bezzina bħala *Scene of Crime Officers* li ppreżentaw ir-rapporti tagħhom.

Xehed ukoll l-espert Joseph Mallia li kkompara żewġ impronti meħuda mill-varji oġġetti elevati mill-uffiċjali tal-Pulizija ma l-impronti diġitali tal-akkużata u kkonferma li ebda impronta minn dawk it-tnejn ma kienet taqbel ma' tal-akkużata

Ikkonsidrat;

Illi mix-xhieda tal-uffiċjali tal-Pulizija jirriżulta illi dakinhar li ġie eżegwit il-Mandat ta' Arrest u Tfittxija, l-akkużata kienet qed iżżomm, imqar jekk temporanjament, u pprovat tiddistruġġi sustanza li wara rriżulta li kienet 3,4-MDMA (3,4 Methylenedioxymethamphetamine) f'forma kristallina. Għalkemm l-ammont misjub m'huwiex wieħed kbir, ċioè 15.47g, xorta jibqa' l-fatt li f'ħin minnhom hija kienet fil-pussess ta' din is-sustanza illeċita. Illi fl-istqarrija tagħha, l-akkużata tiċħad li kienet taf li dik is-sustanza kienet droga. Illi fid-dawl tal-Artikolu 121A(2) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, madanakollu, tali difiża m'hijiex aċċettabbli.

Illi flimkien ma' din id-droga, l-uffiċjali tal-Pulizija elevaw ukoll sustanzi oħra illeċiti mir-resisdenza tal-akkużata. Il-prosekuzzjoni, madanakollu, ma ressqet ebda prova oħra li torbot b'xi mod l-akkużata ma dawn is-sustanzi l-oħra illeċiti u għalkemm instabu fir-residenza tagħha, il-Qorti m'hijiex konvinta illi dawn id-drogi kienu fil-pussess tagħha b'mod li setgħet teżerċita xi forma ta' kontroll fuqhom. Effettivament, dan huwa anke magħruf lill-prosekuzzjoni għaliex ġustament u b'sens ta' ġustizzja ma akkużawx lil Agnes Surany b'akkużi taħt il-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi b'hekk, il-Qorti qed issib illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-ewwel akkuża fir-rigward tal-pussess tal-mediċina psikotropika u ristretta (MDMA), liema pussess m'huwiex wieħed li jindika li ma kienx għall-użu esklussiv tal-akkużata.

B'hekk il-Qorti qed issib lill-akkużata ħatja tal-ewwel akkuża.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tat-tielet akkuża, ossija dik li l-akkużata attakkat jew offriet resistenza ai termini tal-Artikolu 96 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi dwar dan ir-reat, il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ġie ritenut minn din il-Qorti stess, diversament presjeduta, fis-sentenza **Il-Pulizija vs Florinel Nitu**:[3]

> "*Issa dwar meta dan ir-reat jiġi integrat, il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu jgħid li min jagħmel l-azzjoni kkontemplata f'dan l-Artikolu jrid jaġixxi b'mod li jkun irid juri "insubordination" jew "defiance" li tkun immirata li tostakola l-eżekuzzjoni tal-Liġi jew t'ordnijiet ta' awtorita komptenti. Jgħid hekk : -*
>
>> *It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith.*
>
> *Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Lawrence Attard deċiża mill-Prim Imħallef Emeritus Vincent de Gaetano nhar it-12 ta' Settembru 1996 ingħad li :*
>
>> *biex jissussisti r-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali (re:attakk jew rezistenza kontra ufficjal pubbliku) irid ikun hemm mhux biss attakk jew opposizzjoni ossia*

[3] **Il-Pulizija vs Florinel Nitu**, Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, 28 ta' Ottubru 2015.

> *rezistenza kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, izda ukoll li dana l-attakk jew rezistenza isir bi vjolenza jew b'hebb u jsir waqt li dik il-persuna tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompeteni. Meta ufficjal tal-pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun effettivament qed jipprocedi biex jarresta lil xi hadd, jew ikun ga' arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa jkun certament qieghed jesegwixxi l-ligi. Izda meta ufficjal tal-pulizija jkun qieghed jipprova jipperswadi lil xi hadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u ghalhekk minghajr ma dak il-pulizija jezercita s-setgha tieghu li jarresta, ma jistax jinghad li dak il-pulizija jkun qed jagixi "ghall-esekuzzjoni tal-ligi" fis sens ta' l-artikolu 96, ghalkemm huwa jkun qieghed jaghmel is-servizz pubbliku tieghu fis-sens ta' l-artikolu 95."*

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi l-akkużata offriet reżistenza lil PS2298 Stephanie Spiteri fil-mument li s-surġent riedet televa s-sustanza minn idha, tant li kellu kellu jintervjeni PC 891 Oscar Baldacchino sabiex il-Pulizija televa s-sustanza li wara rriżultat li kienet 3,4-MDMA (3,4 Methylenedioxymethamphetamine).

Illi fil-fehma tal-Qorti, fil-mument li l-akkużata offriet din ir-resistenza, l-uffiċjali tal-Pulizija kienu qed jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi u ta' ordni mogħti skont il-liġi, ladarba kienu qed jeżegwixxu Mandat ta' Arrest u Tfittxija b'rabta ma suspettat abbuż mid-droga. Illi di più, hija rresistiet milli tiftaħ idejha propju fil-mument li kienet qed isseħħ l-eżekuzzjoni tat-tfittxija tal-uffiċjali tal-Pulizija u bil-għan li tiffrustra tali eżekuzzjoni.

Illi b'hekk, il-Qorti qed issib illi l-prosekuzzjoni rnexxielha wkoll tipprova din it-tielet akkuża miġjuba fil-konfront tal-akkużata. Stabbilit dan, jirriżulta li fil-mument li l-akkużata offriet din ir-resistenza, hija kienet waħedha u b'hekk huwa l-paragrafu (a) tal-Artikolu 96 tal-Kap. 9 li huwa applikabbli għal dan il-każ.

Ikkonsidrat,

Illi r-raba' akkuża hija arġinata fuq l-Artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema reat, għalkemm għandu xi elementi li huma identiċi għall-Artikolu 96, għandu elementi oħrajn li huma differenti mill-imsemmi reat.

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi l-akkużata għajret lill-pulizija bħala "korrotti", li se jkompli jgħarrqu s-sitwazzjoni tagħhom, li ser iżidu aktar droga ma dak li sabu u, finalment, "*Fuckin Police, Fuckin Maltese*".

Illi għalkemm ċertament m'huwiex sew li persuna ġġib ruħha b'dan il-mod fil-konfront tal-uffiċjali tal-pulizija waqt li qadi ta' dmirijiethom, fil-fehma tal-Qorti, dan il-kliem ma jammontax għal inġurja jew theddid fil-konfront tal-uffiċjali tal-pulizija u b'hekk, ladarba dan l-element hu nieqes, il-Qorti ma tarax li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova din ir-raba' akkuża sal-grad rikjest mil-liġi u b'hekk qed tilliberaha minnha.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tat-tieni akkuża, stante li din hija bbażata fuq l-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u stante li l-akkużata nstabet ħatja tar-reat kkontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għall-istess raġunijiet hemm kontemplati, il-Qorti, filwaqt li qed issib lill-akkużata ħatja wkoll ta' din it-tieni akkuża, tqis li fir-rigward tal-piena din għandha tiġi assorbita fil-piena tar-reat aktar serju hawn msemmi.

Ikkonsidrat;

Illi l-ħames akkuża hija arġinata fuq it-tentattiv tal-akkużata li tissoprimi, teqred jew tbiddel traċċi ta' delitt, ai termini tal-Artikolu 111(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema delitt ma seħħx minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tagħha.

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Gordon Pickard**[4] il-Qorti rriteniet illi:

> *"Ghalkemm l-ligi titkellem fuq kwalunkwe persuna, madanakollu il-Professur Mamo huwa tal-fehma illi din it-terminologija uzata ma tistax tinkludi l-ezekutur tar-reat li tieghu l-gudikabbli qed jipprova jissopprimi jew ibiddel jew jeqred it-tracci tieghu, billi jekk l-ezekutur tar-reat in dizamina jaghmel dan, l-azzjonijiet tieghu jitqiesu bhala kontinwazzjoni tar-reat principali."*

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li kienet l-istess akkużata li pprovat tiddistruġġi s-sustanza li kellha f'idejha, liema sustanza tinstab akkużata li kienet fil-pussess tagħha bl-ewwel akkuża. Illi fid-dawl ta' l-insenjament enunċjat fis-sentenza Pulizija vs Gordon Pickard, minkejja li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li l-akkużata ipprovat tiddistruġġi s-sustanza tad-droga, il-Qorti ma tistax issib ħtija f'din il-ħames akkuża u konsegwentement qed tilliberaha minnha.

Ikkonsidrat;

Illi permezz tas-sitt akkuża, il-prosekuzzjoni qed takkużaha illi hija pprovat tikkorrompi lill-uffiċjali tal-Pulizija liema akkuża hija bbażata fuq l-Artikoli 115 u 120 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi mill-provi prodotti jirriżulta, illi waqt li kienu fil-kamra tas-sodda u wara li l-uffiċjali tal-pulizija sabu s-sustanzi illegali fil-pusess tal-akkużata u tal-partner tagħha, l-akkużata qaltilhom biex jieħdu d-droga magħhom u offriet is-somma ta' €200 lill-uffiċjali tal-pulizija biex kollox jieqaf hemm u ma jressquhomx il-Qorti. Illi filfatt, mit-tfittxija li għamlu l-uffiċjali tal-pulizija sabu effettivament €200 fil-portmoni tagħha. Illi fortunatament, l-uffiċjali tal-Pulizija irrifjutaw din l-offerta mal-ewwel.

---

[4] **Il-Pulizija vs Gordon Pickard,** Qorti tal-Appell Kriminali, 30 ta' Novembru 2016 (Appell Nru. 76/2015).

Illi b'dan l-għemil, l-akkużata wettqet ir-reat kkontemplat fl-Artikolu 120(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta billi pprovat tikkorrompi lill-uffiċjali tal-pulizija bil-għan li dawn jonqsu milli jagħmlu dak li huma fid-dmir li jagħmlu, ai termini tal-Artikolu 115(1)(b).

Illi m'hemmx dubju mill-provi prodotti illi l-akkużata pprovat tħajjar lil dawn l-uffiċjali tal-Pulizija biex jagħmlu d-delitt kkontemplat fl-Artikolu 115(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk, il-prosekuzzjoni rnexxielha wkoll tipprova din is-sitt akkuża sal-grad rikjest bil-liġi.

Ikkonsidrat;

Illi l-Qorti semgħet ukoll lill-Uffiċjal tal-Probation Marianne Zammit tixhed fuq *Social Enquiry Report* redatt minnha fil-konfront tal-akkużata. Minn dan ir-rapport jirriżulta illi l-akkużata għandha ħajja stabbli u għandha impjieg f'lukanda lokali. Qiegħdha f'relazzjoni stabbli ma' Mark Zalavary u ilha hekk għal numru ta' snin. Ilhom jgħixu Malta għal diversi snin. Qalet li fil-passat kien hemm xi inċidenti ta' vjolenza domestika iżda Agnes Suryani qatt ma rrappurtathom. Qalet li hi m'għandhiex problemi ta' dipendenza fuq is-sustanzi noċivi iżda tieħu l-cannabis medika u dan bl-Awtorizzazzjoni tal-Awtoritajiet konċernati. Fil-konklużjoni tagħha, l-uffiċjal tal-probation tirrakkomanda illi Agnes Suranyi tiġi referuta għal kura psikoloġika sabiex jiġi stabbilit xi trattament tenħtieġ u tibda tiffoka aktar fiha nnifisha u trabbi aktar kunfidenza. Għandha tingħata wkoll għajnuna soċjali u tiġi referuta għas-servizzi speċjalizzati fuq il-vjolenza domestika.

Xehed ukoll il-Psikjatra Dr. Kristian Sant fejn qal illi fiż-żmien ta' meta seħħ dan il-każ, hija kienet anzjuża ħafna minħabba raġunijiet attribwibbli lis-sieħeb tagħha. Qal li hi ġiet preskritta l-cannabis medika minħabba din l-ansjetà li tbgħati minnha. Jirriżulta li għadha tbgħati minn ansjetà li ġejja minn diversi fatturi. Jirriżulta li Agnes Suryani tbgħati minn Generalised Anxiety DIsorder, kundizzjoni li kienet preżenti qabel ma seħħ dan il-każ u

għadha ma ġietx indirizzata. Għandha stat mentali stabbli u rrakkomanda illi jitqabbad psychologist sabiex jindirizzaw l-ansjetà tagħha kif ukoll li tkun riferuta lill-"*Mental Health Community Clinic*" biex ikollha l-għajnuna minn hemm ukoll.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tal-piena, din il-Qorti tqis li din hija l-ewwel darba li l-akkużata xellfet difrejha mal-liġi. Waqt l-andament tal-proċeduri, ma jidhirx li l-akkużata reġgħet wettqet xi reat ieħor u jidher li għandha ħajja stabbli. Mix-xhiedha tal-uffiċjal tal-probaiton u tal-konsulent psikjatriku, l-akkużata għandha bżonn ta' ftit għajnuna sabiex tindirizza diffikultajiet li għandha. Ma jidhirx li għandha problemi ta' tossika dipendenza.

Illi b'hekk, il-Qorti ma tqisx li piena karċerarja effettiva hija ideonea f'dawn iċ-ċirkostanzi, iżda l-piena għandha tkun waħda riformattiva sabiex l-akkużata, filwaqt li tindirizza kull diffikultà li jista jkollha, ma terġax twettaq reati ta' natura volontarja oħrajn.

**Deċide:**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 7, 12(1), 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ, 31, 41, 42, 95, 96(a), 111(2), 115(1)(b), 120(1)(2), 338(ee) u 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikoli 120A(2)(b)(ii) u 120A(7) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-**Agnes Suranyi** ħatja tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u s-sitt akkuża filwaqt li qed tilliberaha mir-raba' u mill-ħames akkużi u tikkundannaha għal multa ta' erbat' elef u ħames mitt Ewro (€4,500) kif ukoll, wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed tpoġġi lill-istess Agnes Suranyi taħt Ordni ta' Probation għal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum, bil-kondizzjonijiet elenkati fl-ordni mogħti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-ħatja fi kliem ordinarju, l-import ta' din is-sentenza, u x'jiġri jekk tikkommetti reat ieħor fi żmien tliet (3) snin mil-lum, u jekk ma toqgħodx għall-ordnijiet lilu mogħtija.

Illi b'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tikkundanna lil Agnes Suranyi tħallas lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali s-somma komplessiva ta' elfejn erba' mija ħamsa u disgħin ewro u ħamsin ċenteżmu (€2495,50) rappreżentanti spejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti f'dawn il-proċeduri.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta’ din is-sentenza, lid-Direttur tal-Uffiċju tal-Probation.

**ft.Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**